MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 1672/2001/1

**Joseph SCERRI**

**vs**

**Anna u Joseph konjuġi FENECH**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fid-19 ta' Ottubru, 2001, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur talab li jiġi dikjarat li fis-6 ta' Frar, 2001, missieru kien milqut minn marda mentali li żżommu milli jeżerċita d-drittijiet ċivili tiegħu, u għalhekk talab li l-kitba ta' lokazzjoni li missieru għamel dak inhar mal-imħarrkin titqies ma tiswiex għall-finijiet tal-artikoli 968 tal-Kodiċi Ċivili u 525(2) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili;

Rat in-Nota mressqa fis-17 ta' Diċembru, 2001, li biha l-imħarrkin miżżewġin Fenech laqgħu għat-talbiet attriċi billi

qalu li l-attur ried jipprova li missieru kien tassew milqut minn marda mentali li ġabitu inkapaċi li jeżerċita d-drittijiet tiegħu. Laqgħu ukoll billi qalu li l-missier kien ilu sa mit-12 ta' Frar tal-2000 li krielhom il-fond, u li l-kitba tas-6 ta' Frar, 2001, li saret quddiem nutar saret sena wara;

Rat li, flimkien man-Nota tal-Eċċezzjonijiet, l-imħarrkin ressqu wkoll Kontro-Talba, għal liema att l-attur rikonvenut ressaq, fost l-oħrajn, l-eċċezzjoni preliminari tan-nullita' tagħha;

Rat is-sentenza tagħha tat-3 ta' Lulju, 2003[1], li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, laqgħet it-tieni eċċezzjoni tal-attur rikonvenut u iddikjarat nulla l-Kontro-talba mressqa mill-imħarrkin;

Rat id-degriet tagħha tal-10 ta' Diċembru, 2003, li bih laqgħet talba mill-attur biex kopji tal-provi dokumentali rigwardanti s-saħħa mentali ta' missier l-attur imressqin fl-atti tal-kawża numru 1675/01TM jinġiebu fl-atti ta' din il-kawża;

Rat in-Nota konġuntiva mressqa fis-16 ta' Marzu, 2004[2], ma' liema kien hemm mehmużin kopja mill-atti rilevanti fil-kawża numru 1675/01TM;

Semgħet ix-xhud imressqin mill-partijiet;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha tal-24 ta' Mejju, 2005, u tat-30 ta' Novembru, 2005, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

---

[1] Paġġ. 44 sa 55 tal-proċess
[2] Paġġ. 71 sa 162 tal-proċess

Illi din hija azzjoni għal tħassir ta' kitba privata minħabba l-inkapaċita' ċivili ta' waħda mill-partijiet. L-attur ingħata garaxx f'Ħal Tarxien b'kuntratt ta' donazzjoni mingħand il-ġenituri tiegħu. Huma żammew il-jedd ta' użufrutt fuq l-imsemmi garaxx għal tul ħajjithom. Meta mietu, ġie biex jidħol fil-fond mogħti lilu, imma l-imħarrkin laqgħulu billi qalu li l-garaxx kien inkera lilhom minn missier l-attur għal sittax-il (16) sena. Il-kitba saret fis-sitta (6) ta' Frar, 2001. Fis-sitta u għoxrin (26) ta' Marzu[3], 2001, ingħata Degriet mis-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili li bih missier l-attur (li jiġi wkoll missier il-konvenuta) ġie interdett milli jagħmel atti ċivili. L-attur qiegħed jgħid għalhekk li l-ftehim ta' kirja favur oħtu ma jgħoddx għaliex f'dak iż-żmien missieru kien milqut b'kundizzjoni ta' stat ta' moħħ li wassal għall-interdizzjoni tiegħu ftit jiem wara;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin laqgħu billi qalu li l-kirja kienet seħħet tassew u mhux biss minn Frar tal-2001, meta saret il-kitba, imma saħansitra minn sena qabel. Iridu li tinġieb prova li missier l-imħarrka kien tassew marid minn moħħu;

Illi <u>mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u>, jirriżulta li l-attur u l-imħarrka huma aħwa. L-attur ingħata b'att ta' donazzjoni mingħand il-ġenituri tiegħu magħmul fit-28 ta' Settembru, 1995[4], il-mezzanin bl-isem "Anna" u l-garaxx ta' taħtu bl-isem "My Nest", fi Triq il-Palma, Ħal Tarxien, bil-patti hemm imsemmija. Waħda mill-kundizzjonijiet kienet li l-ġenituri tad-donatarju jibqgħu jgawdu l-jedd ta' użufrutt konġuntiv u suċċessiv fuq l-imsemmi fond. L-għotja kienet kondizzjonata bir-rabta li d-donatarju jibqa' jieħu ħsieb lid-donaturi sal-mewt tal-aħħar wieħed fosthom. F'Settembru tal-1999[5], missier l-attur iffirma dikjarazzjoni bix-xhieda ta' nutar pubbliku, li kienet tgħid li huwa ma kienx qiegħed jesiġi li ibnu l-attur idur bih, minħabba li mart l-attur kienet marida;

---

[3] Għalkemm l-attur isemmi x-xahar ta' Frar, jidher mill-atti li d-degriet ingħata f'Marzu (ara fol. 145 tal-proċess)
[4] Dok "A", f'paġġ. 6-9 u Dok "AF2", f'paġġ. 24-6 (fil-fatt għandu paġna nieqsa) tal-proċess
[5] Dok "A1", f'paġ. 33 tal-proċess

Illi fi Frar tal-2001, missier il-partijiet – Gaetano Scerri – kera l-fond imsemmi lill-imħarrka u żewġha għal żmien sittax-il (16) sena, u taħt patti u kundizzjonijiet oħrajn hemm miftehma[6]. Tressqet kopja ta' dik li tidher li hija riċevuta li saret fi Frar tal-2000[7]. Fis-26 ta' Ġunju, 2000[8], Gaetano Scerri nħariġlu ċertifikat mediku li kien juri li huwa kien ibati minn demenzja, li kien mingħajr riġlejn, u li kien ukoll tilef id-dawl. Filwaqt li b'ċertifikat ieħor maħruġ fit-3 ta' Lulju, 2000[9], inħariġlu ċertifikat ieħor li jgħid li huwa kien milqut minn demenza arterjosklerotika permanenti li ċċaħħdu milli jeżerċita d-drittijiet ċivili tiegħu u li jmexxi ħwejġu. Scerri ġie interdett ċivilment minħabba mard mentali b'degriet tal-Onorabbli Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili tas-26 ta' Marzu, 2001[10], fuq talba magħmula b'rikors imressaq mill-attur fit-13 ta' Lulju, 2000[11]. Missier il-partijiet miet armel u testat[12] fl-1 t'April, 2001[13]. Fl-4 ta' April, 2001[14], l-attur ressaq nota fl-atti quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili, biex jgħarraf lil dik il-Qorti li missieru kien miet u li "għalkemm diġa' saret l-interdizzjoni, il-proċess jieqaf fejn hu". Il-kawża nfetħet fid-19 t'Ottubru, tal-2001;

Illi l-Qorti jkollha tgħid li kemm l-attur u kif ukoll oħtu l-imħarrka jagħmlu żball li jindikaw li missierhom ġie interdett fi Frar tal-2001. L-atti tar-rikors li ntemm b'degriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili (kif kienet għadha dak iż-żmien tissejjaħ il-Qorti Ċivili ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) juru bla ebda dubju li d-degriet ingħata fis-26 ta' Marzu, 2001;

Illi l-<u>konsiderazzjonijiet ta' dritt</u> li tqajjem din il-kawża jduru mal-kwestjoni tal-kapaċita' kuntrattwali ta' persuna għal dak li jirrigwarda l-għoti tal-kunsens tagħha għall-ftehim. Il-kapaċita' kuntrattwali hija wieħed mill-erba' elementi kostitutivi ewlenin u essenzjali ta' kull kuntratt għaliex jolqot fis-sħiħ dak li l-partijiet suppost li jkunu ftehmu

[6] Dok "B", f'paġġ. 10-1 tal-proċess
[7] Dok "AF1", f'paġ. 23 tal-proċess
[8] Dok "JS4", f'paġ. 111 tal-proċess
[9] Dok "JS5", f'paġ. 112 tal-proċess
[10] Degriet 443/01, Dok "Ċ", f'paġ. 12 u 144 tal-proċess
[11] Dok f'paġ. 123 tal-proċess
[12] Dok "B9", f'paġġ. 84-5 tal-proċess
[13] Dokti. "E14", "F", "Ġ" u "Ħ" , f'paġġ. 88 sa 99 tal-proċess
[14] Dok f'paġ. 147 tal-proċess

dwaru, jiġifieri kemm dwar l-oġġett tal-ftehim u kif ukoll dwar ir-rabtiet li kull parti f'dak il-ftehim tkun qablet li toqgħod għalihom[15]. Biex il-kunsens jista' jingħad li jkun jgħodd, mhux biżżejjed li wieħed iħares lejn is-sura esterna tiegħu (jiġifieri li joqgħod biss minn dak li jidher) fuq il-kuntratt. Dan jingħad għaliex dak li jidher irid ikun jaqbel ma' dik id-dispożizzjoni psikoloġika fil-ġewwieni tal-persuna li tkun tixhed il-qbil tagħha ma' dak li immanifestat fid-dieher. Għalhekk, mhux bilfors li għaliex bniedem jagħmel il-firma jew il-marka tiegħu fuq kuntratt dan waħdu jkun ifisser li dik il-persuna kellha l-fehma interna jew il-kapaċita' mentali li tintrabat f'kuntratt. Min-naħa l-oħra, sakemm min jallega l-inkapaċita' ma jseħħlux jippruvaha kif imiss, jibqa' meqjus li l-kunsens intern kien rifless f'dak li jidher fuq l-att jew fil-kuntratt. Dan għaliex l-inkapaċita' li wieħed jersaq għal kuntratt hija l-eċċezzjoni għar-regola li kulħadd huwa kapaċi li jintrabat f'kuntratt;

Illi l-kapaċita' li wieħed jintrabat f'kuntratt timplika li dik il-persuna tista' waħedha tieħu ħsieb ħwejjiġha. Il-kapaċita' naturali li wieħed jersaq fuq kuntratt titlob kemm id-dehen meħtieġ biex bih il-persuna tagħraf tintrabat fil-ftehim, u kif ukoll il-liberta' li tagħmel dan mingħajr ma tkun imġegħla jew imxekkla. Il-kapaċita' legali li wieħed jintrabat f'kuntratt titlob li l-persuna ma tkunx miżmuma milli tersaq fuq kuntratt għal xi stat legali li jġibha jew jagħmilha hekk inkapaċi;

Illi l-liġi[16] trid li kull kuntratt magħmul minn persuna li m'għandhiex l-użu tar-raġuni huwa null. Din hija nullita' relattiva, li ma tistax titqanqal minn dak li jkun ikkuntratta mal-persuna inkapaċi[17], biex b'hekk ħadd ma jieħu vantaġġ miċ-ċirkostanza tal-inkapaċita' ta' dak li jkun[18]. L-interdizzjoni mit-twettiq ta' atti ta' stat ċivili għandha l-effett li ġġib ma jiswewx il-kuntratti li dik il-persuna tagħmel. Tali interdizzjoni tista' tkun waħda ġenerali għal kull xorta ta' kuntratt jew inkella interdizzjoni speċjali li tolqot biss xi kuntratti partikolari[19]. Fil-każ ta' persuna li l-inkapaċita'

---

[15] Art. 966 tal-Kap 16
[16] Art. 968 tal-Kap 16
[17] Art. 973 tal-Kap 16
[18] App. Ċiv. **11.11.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Gauċi et vs Gauċi et*** (Kollez. Vol: **XXXIX.i.286**)
[19] Art. 972 tal-Kap 16

kuntrattwali tagħha titnissel mill-interdizzjoni, hija d-dikjarazzjoni nnifisha magħmula mill-Qorti kompetenti li ġġib magħha l-bidu fis-seħħ ta' dik l-inkapaċita' u kull att magħmul mill-persuna interdetta minn dak inhar 'il quddiem ma jiswiex[20]. Din il-qagħda ddum sakemm, b'degriet ieħor, tiġi mħassra jekk kemm-il darba r-raġuni li għaliha tkun ġiet ordnata ma tibqax teżisti[21];

Illi, minħabba li l-istat li jwassal għall-interdizzjoni jista' jkun ilu xi żmien juri ruħu fil-persuna li tkun, il-liġi taħseb ukoll għall-possibilita' fejn atti li jkunu saru qabel id-data meta jkun ingħata d-degriet tal-interdizzjoni jistgħu jiġu annullati jekk ir-raġuni li għaliha tkun ingħatat dik l-interdizzjoni jintwera li kienet diġa' teżisti meta saru dawk l-atti[22]. F'każ bħal dan, it-tħassir ta' kuntratti li jkunu saru qabel id-data tal-għoti tad-degriet tal-interdizzjoni (jew inabilitazzjoni) jiddependi fuq jekk l-inkapaċita' naturali tal-persuna li tkun tiġix ippruvata fi grad tajjeb biżżejjed. L-azzjoni attriċi f'dan il-każ taqa' sewwasew f'din iċ-ċirkostanza maħsuba mil-liġi. Filwaqt li, fil-każ tal-inkapaċita' wara d-degriet tal-interdizzjoni (jew inabilitazzjoni) tali inkapaċita' titnissel bis-saħħa ta'dak il-pronunċjament ġudizzjarju, fil-każ tal-inkapaċita' naturali din trid tintwera sewwa minn min jallegaha. Mhux hekk biss, iżda jkun irid jipprova li dik l-inkapaċita' kienet teżisti sewwasew fil-waqt li jkun sar l-att jew il-kuntratt impunjat;

Illi f'dak li għandu x'jaqsam mal-kapaċita' kuntrattwali tal-persuna, huwa mgħallem li fil-qasam tal-kuntratti bilaterali (ukoll jekk mhux kommutativi) il-qies li jittieħed huwa wieħed aktar strett mill-kriterji li jintużaw biex titkejjel il-kapaċita' li wieħed jiddisponi b'testment. Dan jinħad fil-każ ta' persuna milquta minn mard tal-moħħ li, f'waqtiet luċidi, tista' tkun taf xi trid u tkun taf kif trid li ġidha jintiret. Bniedem li, f'kundizzjonijiet bħal dawn, jista' jiddisponi b'testment, ma jfissirx li għandu wkoll il-kapaċita' li jersaq fuq kuntratt "*because capacity of contracting demands more severe requisites, since contract is a bilateral and irrevocable act*"[23]. Fost il-kriterji li wieħed irid iqis meta

[20] Art. 525(1) tal-Kap 12
[21] Art.526 tal-Kap 12
[22] Art. 525(2) tal-kap 12
[23] Caruana-Galizia Notes on Civil Law: Obligations, paġ. 256

jitkellem dwar l-inkapaċita' li persuna tersaq għal kuntratt, hemm dik li (a) il-kapaċita' hija r-regola u l-inkapaċita' l-eċċezzjoni; (b) l-inkapaċita' trid tiġi ippruvata minn min jallegaha[24]; (ċ) li biex persuna tkun kapaċi tagħmel kuntratt, mhux meħtieġ li jkun perfettament f'saħħtu minn moħħu, għax huwa biżżejjed li jkollu l-użu tar-raġuni b'mod li jkun jaf x'inhu jagħmel; (d) li ċ-ċirkostanzi tal-inkapaċita' iridu jirriżultaw minn fatti jew indizji gravi u ċirkostanzi preċiżi u mhux ekwivoċi[25]. Dawn il-kriterji – mħaddmin fil-każ ta' kapaċita' li wieħed jagħmel testment li jiswa – għandhom, għalhekk, jiġu applikati b'mod aktar strett fil-każ ta' kapaċita' li wieħed jersaq għal kuntratt *inter vivos*;

Illi l-Qorti jirriżultalha li, fl-aħħar xhur ta' ħajtu, Gaetano Scerri kien inċert għall-aħħar dwar x'ried jagħmel b'ġidu. Dan jixhduh l-għadd ta' testmenti li għamel, u kif ukoll l-imġiba tiegħu dwar il-flus li kien iqiegħed u joħroġ mill-bank minn żmien għal ieħor. Il-mod innifsu kif kien juri tħassib dwar l-istess depożiti jixhed li kien ukoll iħossu taħt pressjoni biex jaċċerta ruħu minn dak li kien jgħaddilu minn moħħu. Iż-żjajjar spissi tiegħu lill-fergħa tal-bank ta' Ħal Tarxien, u l-atteġġamenti tiegħu lejn il-ħaddiema ta' dik il-fergħa, jixhdu li r-raġel kien irid iwettaq ħaġa llum u ħaġ'oħra ftit jiem wara. Kien ukoll jinsa xi jkun għamel u jibqa' jisħaq il-kuntrarju, sakemm jintwera bl-iswed fuq l-abjad x'kien għamel qabel. Din l-imġiba kienet tagħti fil-għajn[26], u persuni barra mill-familja tiegħu kienu drawha tant li kienu jkellmu lil Scerri biss fil-preżenza ta' persuni oħra bħala xhud ta' dak li jkun qed jingħad[27];

Illi f'din il-qagħda pjetuża, Gaetano Scerri kien qiegħed jinġarr 'l hawn u 'l hinn mit-talbiet konfliġġenti li kienu qegħdin jagħmlulu wħud minn uliedu, li dak iż-żmien kienu diġa' tlewmu bejniethom. Dan ma għen xejn biex l-istampa mgerfxa ta' bdil kontinwu fit-tqassim ta' ġidu tieħu sura aktar ordinata. Biex jingħad kollox, l-attur mhux nieqes mis-sehem tiegħu f'dan kollu. Kemm hu hekk,

[24] P.A. **8.3.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud et vs Giordano et*** (Kollez. Vol: **XXXIV.ii.404**)
[25] App. Ċiv. **24.4.1950** fil-kawża fl-ismijiet ***Vassallo et vs Sammut noe et*** (Kollez. Vol: **XXXIV.i.108**)
[26] Xhieda ta' Henry Aquilina 11.10.2002, f'paġ. 118 tal-proċess
[27] Xhieda ta' Daniel Galea 11.10.2002, f'paġ. 120 tal-proċess

minbarra li kien hu li talab lill-Qorti biex tiddikjara lil missieru interdett, kien f'dar l-attur ukoll li missieru għamel wieħed minn sensiela ta' testmenti[28] li għamel fi żmien qasir ta' ftit xhur. F'dak it-testment, l-attur inħatar werriet waħdien ta' ġid missieru, b'ħutu l-bniet jitħallew leġittimarji. Dan kien sewwasew żmien li llum l-attur jgħid li fih missieru kien diġa' milqut mill-kawżi li dwarhom intalbet l-interdizzjoni;

Illi hemm ukoll iċ-ċertifikati mediċi maħruġin dwar Scerri f'medda ta' xahar bejn Ġunju u Lulju tal-2000. Dawn iż-żewġ ċertifikati jikkonfermaw li missier il-partijiet kien ibati minn demenza severa u li dan l-istat ma kienx wieħed li jgħaddi. Dan l-istat kien akkumpanjat minn waqtiet ta' konfużjoni. Dan l-istat ġie stabilit wara li Scerri tqiegħed taħt osservazzjoni[29]. Dawn iċ-ċertifikati nħarġu żmien qrib meta ġie ippruvat li l-kontijiet tal-bank li Scerri kellu f'ismu kienu nġibdu u l-istess Scerri kellu xi episodji ta' tilwim mal-impjegati tal-istess bank minħabba li kien xlihom li serqulu huma flusu. Kien żmien ukoll meta Scerri kien imur ta' sikwit fil-bank jistaqsi għal flusu meta dawn kienu nġibdu minnu stess. Minbarra dan, kien żmien ukoll fejn kont fiss ta' Lm 2,500 miftuħ f'ismu għal ċertu tul ta' żmien kien inbidillu t-terminu taż-żmien minħabba li Scerri ħalef li kien fetħu għal żmien aqsar;

Illi l-imħarrkin ma ressqu l-ebda prova kontra dawn iċ-ċertifikati u provi kollha, u kienu biss l-imħarrka Anna Fenech[30] u żewġha[31] li baqgħu jisħqu li Scerri baqa' luċidu sal-aħħar jiem ta' ħajtu u jagħraf imexxi ħwejġu sal-aħħar. B'żieda ma' dan, iżda, xehed ukoll in-Nutar li quddiemu saret il-kitba mertu tal-każ[32], u li ftakar li Gaetano Scerri kien preżenti u f'qagħda li jkun jaf x'qiegħed isir u staqsa wkoll mistoqsijiet dwar dak li kien qiegħed jiġi miftiehem;

Illi wara li l-Qorti qieset b'reqqa l-fatti kollha li kellha quddiemha u qisithom fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-liġi, hija tasal għall-fehma li r-raġunijiet li wasslu biex tinħareġ

---

[28] Datat 21.6.2000 fl-atti tan-Nutar Joseph R. Darmanin, Dok "B9", f'paġġ. 84-5 tal-proċess
[29] Xhieda tal-Prof. Abram Galea 11.10.2002, f'paġ. 116 tal-proċess
[30] Affidavit tagħha 14.10.2004, f'paġ. 172 tal-proċess
[31] Affidavit tiegħu 14.10.2004, f'paġ. 189 tal-proċess
[32] Xhieda Nutar Alex Sceberras Trigona 8.2.2005, f'paġġ. 197-8 tal-proċess

l-interdizzjoni fil-konfront ta' Gaetano Scerri kienu jeżistu fiż-żmien li saret il-kitba mertu ta' din il-kawża. Issib li dawn ir-raġunijiet kienu ilhom jeżistu sa minn xhur qabel u li, meta kienu medikament magħrufa, kienu waslu fi grad tali li kienu "ta' natura permanenti". Din il-qagħda kienet tabilfors magħrufa mill-imħarrkin ukoll għaliex kienu ilhom qrib tliet xhur li kienu laqgħu n-notifika tar-rikors li tressaq mill-attur quddiem il-Qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja, sewwasew fuq il-bażi ta' dawk l-istess raġunijiet mediċi;

Illi għalhekk, jidhrilha li l-attur wera li hemm raġuni tajba biżżejjed biex jiġi dikjarat li missieru Gaetano Scerri ma kienx kapaċi li jersaq għall-kitba ta' lokazzjoni li saret fis-6 ta' Frar, 2001, bejnu u l-imħarrkin, u li, bis-saħħa ta' hekk, dik il-kitba ma tiswiex;

Illi l-Qorti mhix sejra tgħid aktar minn hekk. Ma tistax – kif donnu jistidinha tagħmel l-attur – tippronunzja ruħha dwar jekk kienx hemm kirja li tiswa favur l-imħarrkin. Lanqas ma hija sejra tippronunzja ruħha dwar is-siwi ta' xi dokument ieħor li l-imħarrkin ressqu biex juru li kien hemm kirja qabel ma saret il-kitba. Jekk tagħmel hekk, tkun qegħda tiddeċiedi aktar minn dak li ntalbet, u dan għaliex iż-żewġ talbiet attriċi jitkellmu biss dwar is-siwi tal-kitba. Daqstant ieħor irrilevanti, għalhekk, hija t-tieni eċċezzjoni tal-imħarrkin in kwantu titkellem dwar l-eżistenza favurihom ta' kirja sa minn żmien qabel il-kitba li dwarha saret il-kawża;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara li fis-sitta (6) ta' Frar, 2001, Gaetano Scerri kien milqut minn stat mentali li jagħmlu inkapaċi li jeżerċita d-drittijiet ċivili tiegħu;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tiddikjara li l-kitba ta' lokazzjoni magħmula fis-sitta (6) ta' Frar, 2001, bejn Gaetano Scerri u l-imħarrkin miżżewġin Fenech dwar il-garaxx bl-isem ta' "*My Nest*", fi Triq il-Palma, Ħal Tarxien, ma kinitx tiswa minħabba l-inkapaċita' tal-imsemmi Gaetano Scerri; u

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet** tal-imħarrkin miżżewġin Fenech, bl-ispejjeż kontra tagħhom.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------